MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 289/1990/1

**Joseph Galea; u b'digriet tal-25 ta' Ġunju 2002, stante l-mewt ta' Joseph Galea, l-atti ġew trasfużi f'isem**
**Marika, Joseph u Joan aħwa Galea bhala unici eredi tal-mejjet missierhom Joseph Galea**
**u Rose armla tal-istess Joseph Galea bhala kompartecipi**
**fil-kommunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha; u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2009**
**stante l-mewt ta' Rose Galea l-atti gew trasfuzi f'isem Marika, Joseph u Joan ahwa Galea bhala unici eredi tal-mejta ommhom Rose Galea.**

**v.**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan hu appell interpost mill-konvenut Joseph Vella minn zewg decizjonijiet moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet premessi, jigifieri s-sentenza *in parte* tas-27 ta' Gunju 2003 u dik sussegwenti tat-30 ta' Ottubru 2007.

1.2. Fl-ewwel sentenza, rigwardanti l-appalt in kwistjoni, l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi dwar responsabbilita` u halliet il-kawza ghall-bqija tat-talbiet dwar danni konsegwenzjali u spejjez gudizzjarji. Fit-tieni sentenza, l-ewwel Qorti llikwidat id-danni li garrab l-attur fis-somma ta' Lm10,166.14c, u kkundannat ghalhekk lill-konvenut ihallas dan l-ammont, flimkien mal-imghax minn dakinhar meta saret it-talba ghall-hlas b'att gudizzjarju sa meta jsir il-hlas, u bl-ispejjez kollha tal-kawza;

1.3. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* iz-zewg sentenzi appellati kif jidher hawn taht:

Sentenza *in parte* deciza fis-27 ta' Gunju 2003:
"Din il-kawza hija dwar appalt.

"Ic-citazzjoni tghid illi b'kitba tal-1 ta' Awwissu 1988 il-konvenut kien intrabat li jibni *garages* u *flats* fi Triq Valletta, Hal Luqa, ghall-attur, li kien qabbdu jaghmel dak ix-xoghol bil-prezzijiet murija fil-ftehim. Il-konvenut kellu jlesti x-xoghol sal-ahhar ta' Mejju 1989, izda, ghalkemm ix-xoghol bdieh, kien ghadu ma lestiehx sa dak in-nhar meta nfethet il-kawza.

"L-attur kien kiseb facilitajiet bankarji mill-bank biex ihallas ghax-xoghol, izda, minhabba fid-dewmien tal-konvenut, il-

bank ma riedx isarraf *cheques* mahruga mill-attur biex ihallas ghax-xoghol li kien lahaq sar. Illum il-konvenut [*recte*, l-attur] qieghed isofri danni ghax, waqt li qieghed ikollu jhallas imghax lill-bank ghall-flus mislufa, ma jistax ibigh il-proprjetajiet biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u ghad-dejn mal-bank.

“L-attur ghalhekk fetah din il-kawza u qieghed jitlob illi l-qorti:

“1. tghid illi l-ftehim ta’ appalt huwa mahlul ghax, minhabba nuqqas tal-konvenut, ma twettaqx fiz-zmien miftiehem;

“2. tghid illi l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni li garrab l-attur;

“3. tillikwida dawk id-danni; u

“4. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza u dawk tal-ittra legali tat-28 ta’ April 1989.

“Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

“1. ma kienx il-konvenut li kiser il-ftehim tal-1 ta’ Awwissu 1988, izda kien l-attur li naqas ghax ma hallasx, kif kellu jaghmel, ghax-xoghlijiet kollha li kien ghamel il-konvenut, u ghalhekk il-konvenut ma jahtix ghad-danni;

“2. ix-xoghlijiet li ghamel il-konvenut jiswew aktar minn hmistax-il elf lira (>Lm15,000), u l-attur hallas biss sitt elef lira (Lm6,000) izda ried illi l-konvenut ikompli bix-xoghlijiet minghajr ma hu jkompli jhallas; ghalhekk huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenut, u mhux *vice versa*; u

“3. il-ftehim bejn l-attur u l-bank hu *res inter alios acta* ghall-konvenut, li ma kienx parti f’dak il-ftehim.
Il-fatti ta’ dan il-kaz graw hekk:

“Fl-1 ta’ Awwissu 1988 l-attur qabbad lill-konvenut biex jaghmillu xoghol b’appalt. L-attur kien ukoll ghamel ftehim

mal-bank biex ikun jista’ jissellef il-flus biex ihallas lill-konvenut. Il-hsieb tieghu kien illi, hekk kif jitlestew xi xoghlijiet, ibigh u jdahhal il-flus biex irodd id-dejn.

“L-ewwel ftehim bejn l-attur u l-konvenut ma kienx jistipula z-zmien meta kellu jitlesta x-xoghol, u l-konvenut ma kienx jahdem regolarment fuq ix-xoghol tal-attur; kien jitlaq biex jibda xoghol ghal haddiehor u jhalli zmien twil bla ma jaghmel xejn ghall-attur. L-attur kien jinsisti li x-xoghol jitkompla u fil-bidu ta’ Jannar 1989 il-konvenut intrabat illi jibda x-xoghol f’nofs Jannar 1989 u jlestih sa nofs Mejju ta’ dik is-sena[1], izda sa nofs Mejju 1989 kien ghadu ma marx biex ikompli x-xoghol tal-attur. Billi l-progett waqa’ lura fiz-zmien meta kellu jitlesta, l-attur ma setax ibigh proprjetajiet lesti b’mod li jkun jista’ jaghmel hlasijiet lura lill-bank; il-bank, meta ra hekk, ma baqax isarraf ic-*cheques* li l-attur kien johrog biex ihallas lill-konvenut tax-xoghol li kien lesta, u gharraf lill-attur illi c-*cheques* ma kinux sejrin jissarrfu qabel ma jitkompla x-xoghol. Il-konvenut, min-naha l-ohra, ma riedx ikompli x-xoghol qabel ma jithallas, u l-attur sab ruhu f’*impasse*.
Il-kwistjoni issa hija jekk l-attur ma hallasx ghax il-konvenut ma kompliex ix-xoghol, jew jekk il-konvenut ma kompliex ix-xoghol ghax l-attur ma hallasx.

“Mill-prova hareg illi tassew illi l-konvenut ma kienx qieghed jahdem b’diligenza fuq ix-xoghol tal-attur, u, ukoll wara li ntrabat bi zmien, xorta ma zammx kelmtu. Minkejja dan, sakemm inqala’ l-problema mal-bank l-attur kien qieghed jaghmel hlasijiet u kien ghax, minhabba d-dewmien tal-progett, il-bank waqqaf il-finanzi li l-attur ma setax ikompli jhallas.

“Huwa minnu illi l-konvenut ma kienx parti fil-ftehim bejn l-attur u l-bank; madankollu, l-attur kien gustifikat illi jaghmel affidament fil-ftehim li kellu mal-konvenut, u fil-kelma tal-konvenut illi kien sejjer ihares dak il-ftehim, u kien ukoll gustifikat li, bis-sahha ta’ dak l-affidament, jaghmel ftehim ma’ terzi. Billi, minhabba n-nuqqas tal-konvenut, gie mqarraq f’dan l-affidament, l-attur sab ruhu

[1] Para. 8.3 tar-relazzjoni tal-perit tekniku, *fol*. 87.

f'pozizzjoni li ma setax ikompli jhallas. Il-htija ghal dan, izda, kienet tal-konvenut, u l-konvenut ma jistax jinqeda b'sitwazzjoni, li holoqha hu stess bin-nuqqas tieghu, fejn l-attur ma setax ihallsu biex ighid illi huwa l-attur li qieghed jonqos.

"Fi kliem iehor, in-nuqqas kien tal-konvenut, li ma lestiex ix-xoghol fiz-zmien miftiehem. In-nuqqas tal-attur li jhallas kien konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenut, u ghalhekk bi htija tal-konvenut ukoll.
F'dan l-istadju, ghalhekk, il-qorti tipprovdi billi:

"1. tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

"2. tilqa' l-ewwel talba tal-attur billi tghid illi l-appalt huwa mahlul bi htija tal-konvenut;

"3. tilqa' t-tieni talba billi tghid illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li garrab l-attur; u

"4. taghti lill-attur zmien ta' xahrejn millum biex b'nota jesebixxi prospett dettaljat tad-danni minnu pretizi ghall-ghanijiet tat-tielet u tar-raba' talbiet;

"5. tordna illi n-nota u l-prospett ikunu notifikati lill-konvenut li jkollu zmien ta' xahrejn min-notifika biex ighid specifikament fejn ma jaqbilx mal-prospett tal-attur u jaghti fid-dettall ir-ragunijiet ghala ma jaqbilx; jekk il-konvenut ma jwegibx fiz-zmien li qieghed jinghatalu, jew jekk ma jimxix skruplozament skond dan il-provvediment, il-qorti tifhem illi ma ghandux kontestazzjoni dwar il-*quantum*.

"Tiddifferixi l-kawza ghas-12 ta' Jannar 2004 fid-9.00 *a.m.* ghall-ezami tal-prospett tal-attur u t-twegiba tal-konvenut.

"Dwar l-ispejjez ikun hemm decizjoni fis-sentenza finali."

<u>Sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2007</u>:
"Din is-sentenza hija dwar talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni wara li sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2003

sabet illi l-konvenut kellu jwieġeb għal dawn id-danni talli naqas milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt appalt.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'kitba tal-1 ta' Awwissu 1988 il-konvenut kien intrabat li jibni *garages* u *flats* fi Triq Valletta, Ħal Luqa, għall-attur, li kien qabbdu jagħmel dak ix-xogħol bil-prezzijiet murija fil-ftehim. Il-konvenut kellu jlesti x-xogħol sal-aħħar ta' Mejju 1989, iżda, għalkemm ix-xogħol bdieh, kien għadu ma lestiehx sa dak in-nhar meta nfetħet il-kawża.

"L-attur kien kiseb faċilitajiet bankarji biex iħallas għax-xogħol, iżda, minħabba fid-dewmien tal-konvenut, il-bank ma riedx isarraf *cheques* maħruġa mill-attur biex iħallas għax-xogħol li kien laħaq sar. Illum il-konvenut [*recte*, l-attur] qiegħed isofri danni għax, waqt li qiegħed ikollu jħallas imgħax lill-bank għall-flus mislufa, ma jistax ibigħ il-proprjetajiet biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u għad-dejn mal-bank.

"L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

"1. tgħid illi l-ftehim ta' appalt huwa maħlul għax, minħabba nuqqas tal-konvenut, ma twettaqx fiż-żmien miftiehem;

"2. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab l-attur;

"3. tillikwida dawk id-danni; u

"4. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u dawk tal-ittra legali tat-28 ta' April 1989.

"Bis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2003 il-qorti kienet:

"1. ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

"2. laqgħet l-ewwel talba tal-attur billi qalet illi l-appalt huwa maħlul bi ħtija tal-konvenut; u

"3. Iaqgħet it-tieni talba billi qalet illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur.

"Fl-istess sentenza ngħata żmien lill-attur sabiex jippreżenta prospett tad-danni minnu pretiżi u l-konvenut ingħata wkoll żmien biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar id-danni pretiżi mill-konvenut.

"L-attur ippreżenta prospett[2] li juri illi d-danni li qiegħed jippretendi huma dawn:

"1. għaxart elef, mija u sitta u sittin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm10,166.14) differenza bejn il-prezz tax-xogħol miftiehem mal-konvenut u l-prezz li l-attur kellu joħroġ biex ix-xogħol komplieh ħaddieħor għax il-konvenut, bi ksur tal-ftehim, baqa' ma lestiehx; u

"2. ħdax-il elf, seba' mija u sebgħin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm11,770.14) biex issewwa xogħol ħażin li għamel il-konvenut.

"Fuq dan il-prospett għandhom isiru żewġ osservazzjonijiet:

"1. minkejja dak li jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-attur ma huwiex qiegħed jippretendi bħala danni l-imgħaxijiet żejda li ħallas lill-banek minħabba d-dewmien tal-konvenut; u

"2. it-talba fiċ-ċitazzjoni hi għal danni minħabba dewmien, mhux minħabba xogħol ħażin; għalhekk it-tieni partita fil-prospett ma hijiex parti mill-meritu tal-kawża tallum.

"Li rridu naraw mela hu jekk hijiex ġustifikata t-talba għal għaxart elef, mija u sitta u sittin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm10,166.14) differenza bejn il-prezz tax-xogħol miftiehem mal-konvenut u l-prezz li l-attur ħallas lil terzi li lestew ix-xogħol li ma għamilx il-konvenut.

---

2 *Fol.* 188.

"Għal dan il-għan il-qorti b'dikriet tat-3 ta' Marzu 2005[3] ħatret perit tekniku sabiex igħid (i) jekk ix-xogħlijiet li saru mill-kuntratturi mqabbda mill-attur biex ikomplu x-xogħol li ma lestiex il-konvenut setgħux saru, fiż-żmien meta saru, bl-istess kwalità iżda bi prezz irħas minn dak muri fil-prospett tal-attur, u, f'dak il-każ, igħid (ii) kemm kellu jkun il-prezz, (iii) jekk dak il-prezz hux ogħla minn dak miftiehem mal-konvenut, u, jekk hu ogħla, (iii) kemm tkun id-differenza bejn il-prezz li bih ix-xogħol seta' sar u l-prezz miftiehem mal-konvenut.

"Il-perit irrelata fis-6 ta' Diċembru 2005[4]. Wara li qies il-fatturi kollha relevanti, fosthom illi l-kuntratturi l-ġodda kienu qegħdin ikomplu xogħol li beda ħaddieħor u għalhekk hija l-prassi illi jitolbu bħala *premium* rati ogħla milli kienu jitolbu li kieku x-xogħol għamluh kollu huma, il-perit sab illi d-differenza kellha tkun ta' sitt elef, mitejn u tmenin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm6,280.47) u mhux għaxart elef, mija u sitta u sittin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm10,166.14).

"Il-qorti rat ukoll il-mistoqsijiet li saru għall-eskussjoni tal-perit[5] u t-tweġibiet tiegħu[6].

"Il-qorti tifhem illi l-attur kellu d-dmir illi jnaqqas kemm jista' d-danni u għalhekk ifittex kuntratturi li jagħtu rati tajba, imqar jekk bil-*premium* imsemmi mill-perit. Tifhem ukoll, iżda, illi l-attur kien magħfus biż-żmien, għax kienu għaddejjin l-imgħaxijiet tal-bank, u l-għażla tiegħu kienet ukoll limitata għax seta' jqabbad biss kuntratturi illi kienu lesti li jkomplu xogħol li beda ħaddieħor. Ma nġibitx prova illi, li kieku mexa bil-għaqal, l-attur kien sejjer isib min kien lest li jaħdimlu bir-rati "ekwi" li semma l-perit.

"Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-qorti hija tal-fehma illi d-danni li ġarrab l-attur huma n-nefqa żejda li fil-fatt għamel u mhux in-nefqa żejda li kien jagħmel li kieku stenna u fittex

3 *Fol.* 202.
4 *Fol.* 208 *et seqq.*
5 *Fol.* 215 *et seq.*
6 *Fol.* 223 *et seq.*

sakemm sab lil min jagħmillu x-xogħol bir-rati indikati mill-perit.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqtal-kawża billi tillikwida d-danni li ġarrab l-attur fis-somma ta' għaxart elef, mija u sitta u sittin lira u erbatax-il ċenteżmu (Lm10,166.14) u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata, flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar meta saret b'att ġudizzjarju talba għall-ħlas sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż kollha tal-kawża."

## <u>L-APPELL TAL-KONVENUT JOSEPH VELLA</u>

2.1. Il-konvenut hass ruhu aggravat bl-imsemmija zewg sentenzi u interpona appell minnhom fis-16 ta' Novembru 2007. Huwa talab ir-revoka taz-zewg sentenzi fuq diversi aggravji li jinsabu elaborati f'rikors ta' appell estensiv u li l-Qorti sejra tissentisizza ghal fini ta' pratticita`.

2.2. L-aggravji, fil-qosor, huma s-segwenti:

(i) <u>Nuqqas ta' provi</u>

L-appellant jillanja li minn ezami tal-process tal-kawza jirrizulta li l-unika prova li fih il-process hija r-relazzjoni tal-perit gudizzjarji Rene` Buttigieg. Dan ir-rapport m'huwiex akkumpanjat mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda jew id-dokumenti li saru u gew esebiti f'kawza ohra bejn l-istess partijiet. Ghalhekk dan l-ewwel rapport "ma jistax jittiehed bhala sostituzzjoni ghall-provi mressqa" ighid l-appellant.

(ii) <u>Rinunzja ghat-terminu pattwit</u>

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi ghandu jirrizulta li t-terminu originarjament pattwit mill-partijiet dwar l-appalt *de quo* gie rinunzjat u kwindi, l-attur ma setax aktar jitlob ir-rexxissjoni tal-appalt.

(iii) <u>Dwar it-Talba ghar-rexxissjoni tal-Appalt</u>

L-appellant ighid li l-attur, filwaqt li jadixxi lill-Qorti biex tholl l-appalt, imbaghad b'mod unilaterali u fil-mori tal-kawza qabad u hall l-istess appalt. B'hekk l-attur irrenda l-ewwel talba tieghu futili. Konsegwentement, l-akkoljiment tal-ewwel u tat-tieni talba "hu manifestament minghajr ebda fundament legali".

(iv) Sentenza "*Ultra Petita*" u "*Extra Petita*"

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jillanja wkoll li l-ewwel Qorti fit-tieni sentenza mhux biss ma kkonsidratx l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 1069 bhala wahda li giet abbandunata, izda fid-danni kkonsidrat pretensjoni li ma tohrogx mic-citazzjoni. Fl-assenza ta' talba *ad hoc*, id-danni li gew likwidati ma kienux jinkwadraw ruhhom fic-citazzjoni kif impostata mill-attur.

(v) Ir-Rapport Peritali gie Injorat

Bla ma tat ebda motivazzjoni, ikompli l-appellant, l-ewwel Qorti mhux biss injorat il-konkluzjonijiet peritali dwar il-konteggi imma talli lanqas biss accennat ghar-rapport tal-A.I.C. Rene` Buttigieg fis-sentenzi moghtija.

(vi) Konkluzjoni Erronja dwar il-Facilitajiet Bankarji u z-Zewg "cheques" mhux onorati mill-Qorti

Mhux minnu li kien hemm xi ftehim "bejn l-attur u l-bank", dwar hlasijiet bl-intervent ta' bank. Ghalhekk, in-ness li ghamlet il-Qorti bejn l-allegat twaqqif tal-facilita` bankarja lill-attur u n-nuqqas ta' hlas mill-attur lill-konvenut ma fih ebda fondament fattwali. F'kull kaz, anke l-punt dwar ic-"cheques" mhux onorati mill-bank, jirrizulta li l-facilita` bankarja twaqqfet bl-ittra tal-21 ta' Frar 1990, jigifieri wara u mhux qabel dan il-fatt. Il-provi dwar din il-premessa tal-attur huma fjakki ghal kollox.

(vii) Ebda Ftehim dwar Hlas Akkont mill-Bank

Il-partijiet qatt ma ftehmu li l-hlas lill-konvenut isir tramite l-bank. Ghalhekk il-htija li giet mixhuta fuq il-konvenut mill-ewwel Qorti kienet ghal kollox skorretta u ingustifikata.

(viii) Danni Esagerati

Bla pregudizzju ghas-suespost, ikompli l-appellant, il-Qorti qaghdet fuq xiehda mhux ikkorroborata meta giet biex tqis it-talba dwar id-danni. Apparti nuqqas ta' provi dwar interessi bankarji li allegatament intilfu mill-attur, oltre li mhux veru li l-attur kellu facilita` ta' self mill-bank, l-attur lanqas ipprova jimminimizza d-danni tieghu li allegatament sofra.

(ix) *“<u>In Liquidandis Non Fit Mora</u>”*
L-ewwel Qorti naqset li tapplika l-principju li *in liquidandis non fit mora*. L-imghax *se mai* kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza ghaliex kien proprju permezz taghha illi l-ammonut incert seta’ jigi determinat. Kwalunkwe imghax kellu jibda ta’ lanqas mid-data tas-sentenza u mhux mid-data komminata mill-ewwel Qorti.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-ATTURI APPELLATI</u>**
3. L-atturi wiegbu li l-appell tal-konvenut ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Il-konvenut kien inghata diversi estensjonijiet mill-attur biex ilesti l-appalt izda dan mhux talli ma lestiehx sad-data miftehma, jigifieri sal-ahhar ta’ Mejju 1989, imma talli spicca biex, b’mod irresponsabbli, abbanduna dan l-inkarigu u kkostringa lill-attur biex jinkariga kuntratturi ohra halli jikkompletaw ix-xoghol. Fil-fatt irrizulta li l-konvenut qabad xoghol iehor band’ohra. Dan apparti l-fatt li anke jirrizulta li parti mix-xoghol tal-konkos fid-“drive-in” sar hazin u ceda u kellu jitranga minn haddiehor.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

4. L-appell in ezami jirrigwarda ftehim ta’ appalt li baqa’ ma giex esegwit. In forza ta’ ftehim in iskritt (ara Dok. A, fol. 5 tal-process), maghmul fl-1 ta’ Awwissu 1988, il-konvenut obbliga ruhu li jaghmel xoghol ta’ kostruzzjoni f’Valletta Road, Luqa, fi proprjeta` tal-attur. Dan il-ftehim skeletali lanqas biss jispecifika z-zmien meta kellu jitlesta dan l-appalt. Gara pero` li l-konvenut ma kienx assidwu fix-xoghol in kwistjoni b’dan li kien gieli jhalli diversi perjodi twal ta’ inattivita`, u dan ripetutament, ghar-raguni principalment li l-konvenut kien imur jaghmel xoghlijiet ghal terzi fi bnadi ohrajn, naturalment a skapitu tal-attur. L-attur insista kemm-il darba mal-konvenut biex dan ifittex ilesti, specjalment minhabba l-fatt li l-attur kellu, a sua volta, ftehim ta’ “*loan facility*” ma’ bank kummercjali lokali, li permezz tieghu huwa seta’ jiffinanzja dan il-progett ta’ bini. Min-naha tieghu, il-konvenut jilmenta mill-fatt li dwar pagamenti akkont waqt il-kors tax-xoghol, l-attur kien erratiku u li din kienet ir-raguni ewlenija li zammitu milli

jkompli bl-appalt minghajr sulluzzu ghax, fost ohrajn, ried ihallas tal-materjal u l-pagi tal-haddiema tieghu. Jidher li l-appalt moghti lill-konvenut ma giex kompletat bil-konsegwenza li l-attur htieglu jinkariga kuntratturi ohrajn biex jispiccaw ix-xoghlijiet pendenti, kif ukoll jirrimedjaw xi difetti fil-kostruzzjoni. Aspett krucjali tal-vertenza kien il-punt li dwaru, b'mod konciz, l-ewwel Qorti qalet hekk:
"… … … jekk l-attur ma hallasx ghax il-konvenut ma kompliex ix-xoghol, jew jekk il-konvenut ma kompliex ix-xoghol ghax l-attur ma hallasx".

5. Il-kwadru tal-vertenza jkun mankanti kemm-il darba ma ssirx riferenza ghall-mod xejn tajjeb kif ipproceda s-smigh tal-kawza in ezami sakemm din immaturat ghas-sentenza. Bizzejjed jinghad li l-kawza giet istitwita fit-13 ta' Marzu 1990 u biex tigi finalment deciza se tkun hadet ftit anqas minn ghoxrin sena! Ragunijiet ewlenin ghal dan it-tul esagerat huma tnejn: fl-ewwel lok id-differimenti ripetutament protratti biex il-perit arkitett nominat mill-Qorti jirrelata dwar il-vertenza; u sekondarjament, in-numru ta' differimenti li ttiehdu meta deher li kien hemm il-possibbilita` ta' transazzjoni li, finalment, baqghet ma sehhitx. Dan kollu qieghed ukoll jinghad ghar-raguni li wiehed mill-aggravji tal-konvenut appellant jirrigwarda z-zmien li ghandu jigi kkalkolat ghall-fini ta' hlas ta' interessi fuq id-danni likwidati – u dana naturalment fil-kaz biss li l-aggravji l-ohra fil-mertu jigu rigettati.

6. Dwar l-ewwel aggravju, u del resto anke fir-rigward tal-maggor parti tal-aggravji l-ohra, il-Qorti tosserva li appena giet pprezentata l-ewwel relazzjoni, jigifieri dik ipprezentata mill-A.I.C. Rene` Buttigieg, ir-reazzjoni tal-attur kienet dikjarazzjoni li hu "joqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit" (ara verbal tas-17 ta' Jannar 2002 fol. 166), filwaqt li kulma talab il-konvenut kien biss "ftit aktar zmien ghall-ezami tar-rapport" u li kien fi hsiebu jitlob sabiex din il-kawza timxi flimkien ma' ohra konnessa maghha. Ghaddew intant hames xhur shah u fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2002 (fol. 177 tal-process) tnizzel li deher "Dr. Robert Mangion ghall-konvenut li ddikjara li m'ghandux aktar xhieda". Ghaddew imbaghad erba' (4) xhur ohra biex fis-7 ta' Novembru 2002 il-Qorti tat tlett (3)

xhur zmien ghal fini ta' nota ta' osservazzjonijiet mill-attur u wara illi din issir u tigi notifikata lill-konvenut, dan ikollu tlett (3) xhur ohra minn dakinhar (fol. 178) biex wiegeb ghaliha. Minflok in-nota, l-attur ipprezenta rikors ghal fini tal-konnessjoni tal-kawza ma' ohra fl-ismijiet inversi – liema talba, simili ghal dik tal-konvenut, giet michuda. La l-attur u lanqas il-konvenut ma jidher li pprezentaw xi nota ta' osservazzjonijiet u fis-27 ta' Gunju 2003 inghatat l-ewwel decizjoni.

Issa tenut kont tas-suespost, din il-Qorti assolutament la tista' tikkomprendi, u wisq anqas takkolji, aggravju fis-sens li l-"provi kienu inezistenti" u li ghalhekk is-sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2003 kienet wahda monka. Aktar u aktar meta jirrizulta – fatt ammess mill-appellant stess fir-rikors tal-appell – illi l-partijiet kienu ftehmu u qablu li l-provi mismugha fil-kawza l-ohra li kellhom bejniethom "kellhom japplikaw" ghal din il-kawza.

Ghalhekk isegwi li dan l-ewwel aggravju huwa priv minn kull fondament u qieghed jigi michud.

7. Dwar it-tieni u t-tielet aggravji tal-konvenut, din il-Qorti jidhrilha li huwa aktar minn evidenti – fatt anke ammess mill-konvenut – li l-appalt moghti baqa' ma giex esegwit mill-konvenut fit-teriminu li in segwitu qablu dwaru l-partijiet, jigifieri sal-ahhar ta' Mejju 1989. U f'dawn ic-cirkostanzi, ma hemm xejn skorrett fit-talba attrici fis-sens li l-appalt *de quo* kellu allura jigi ddikjarat bhala xjolt. Lanqas ma jkun gust li din il-Qorti, bil-fatt li l-attur accetta u kkonceda diversi drabi li terminu tal-appalt jigi estiz, biex jagevola proprju lill-konvenut, allura dan kellu jitqies bhala rinunzja tat-terminu u fattur li kellu jahdem kontra l-interessi tal-attur. Mhux hekk biss, imma ghandu inoltre jinghad li anke b'dawn l-estensjonijiet kollha moghtija, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti. Ghalhekk isegwi li kemm it-tieni, kif ukoll it-tielet aggravji, huma infondati u qeghdin jigu respinti.

8. Ir-raba' aggravju u dawk sussegwenti ghalih huma konnessi wkoll mat-tieni sentenza appellata, jigifieri dik tat-30 ta' Ottubru 2007 u dan ghaliex jirrigwardaw anke t-

talba dwar il-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, komprizi interessi.

Skond l-appellant konvenut, it-tieni sentenza kienet kemm “*extra petita*” kemm ukoll “*ultra petita*”. Dan ghaliex l-ewwel Qorti “mhux biss ma kkonsidratx l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 1069 bhala abbandunata, izda fil-likwidazzjoni tad-danni kkonsidrat pretensjoni tal-attur li ma temaniex (sic) mic-citazzjoni kif impostata”. Ighid l-appellant li l-attur fil-bidu ried jibbaza d-danni tieghu fuq imghaxijiet bankarji u nuqqas ta’ bejgh ta’ proprjeta`, imbaghad biddel ir-rotta u beda jishaq fuq danni riferibbli ghad-differenza fil-prezz bejn dak miftiehem mal-konvenut u dak li allegatament thallas lil kuntratturi ohrajn.

Issa jekk wiehed jezamina t-talbiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni, isib car u tond x’kien qieghed <u>ezattament jippretendi</u> l-attur u kieku l-appellant ha ta’ lanqas il-briga (ezercizzju *sine qua non* u elementari) jaqra x’jinghad fid-dikjarazzjoni tal-attur akkumpanjanti l-att tac-citazzjoni promotorja (ara fol. 3 tal-process) isib li gej fir-rigward tad-danni mitluba:
“(4) illi l-esponent biex ihallas ta’ dan ix-xoghol ottjena facilitajiet bankarji;

“(5) illi minhabba n-nuqqas tal-konvenut li jadempixxi l-obbligi tieghu l-esponent ma jistax ibiegh dawn il-‘garages’ u ‘flats’ u hekk ihallas id-dejn;

“(6) illi inoltre biex ikompli l-istess xoghol l-attur sejjer ihallas prezzijiet ferm oghla u b’hekk isofri danni konsiderevoli;”

Il-konvenut kien aktar donnu interessat f’tiftix ta’ xejra legalistika milli jikkoncentra fuq l-elementi bazici tat-talbiet. Dan l-aggravju ghalhekk, bhal dawk gia` mistharrga, huwa similment bla ebda bazi.

9. Fil-hames aggravju, l-appellant jerga’ jaghmel pass lura biex jattakka l-<u>ewwel</u> sentenza billi jghid li l-Qorti tal-ewwel grad ghazlet li “tinjora kompletament l-ezistenza tar-rapport” li gie pprezentat mill-perit Buttigieg. Darba li l-

ewwel Qorti ghazlet li tiskarta l-konkluzjonijiet milhuqa mill-perit fir-rapport tieghu hija kellha timmotiva u tispjega x'sabet "irragonevoli" fih u mhux taqbad u tinjora l-ezistenza tar-rapport kompletament. Bazikament, il-konvenut appellant qieghed jilmenta mill-fatt li minkejja l-A.I.C. Buttigieg qal bic-car li l-attur naqas mill-ftehim ta' hlasijiet adegwati akkont man mano li x-xoghol kien qieghed isir, l-ewwel Qorti la semmiet minimament dan il-fatt li huwa jqis importanti u lanqas qalet fejn ma taqbilx mal-perit gudizzjarju.

Huwa minnu li l-ewwel Qorti tonqos milli almenu taghmel riferenza wahda ghar-relazzjoni tal-A.I.C. Buttigieg izda ghandu jirrizulta sufficjentement li l-ewwel Qorti gharblet il-provi prodotti b'mod approfondit qabel ma waslet ghall-konkluzjoni taghha dwar ir-responsabbilitajiet reciproci bejn iz-zewg nahat. L-ilmenti tal-konvenut huma relatati principalment mal-apprezzament tal-provi fil-mertu u dwar dan l-aspett l-ahhar kelma hija dejjem tal-gudikant. Barra minn hekk, u dan hu punt vitali, l-istess Qorti kienet specifikament iddiregiet lill-imsemmi perit arkitett – wara talba li saret mill-istess perit – biex huwa "jirrelata biss fuq il-materja teknika bla ma jirrelata wkoll fuq l-aspetti legali tal-kaz". F'kull kaz, kif gia` nghad, il-provi gew indagati debitament u din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet sostanzjalment korretta fil-kostatazzjonijiet li ghamlet fil-mertu.

Dan l-aggravju ghalhekk qieghed jigi respint.

10. L-aggravji dwar hlasijiet akkont ghax-xoghlijiet intraprizi mill-konvenut huma l-qofol tal-lamenteli tal-appellant fil-mertu. Hu jsostni li huwa qatt ma ha parti f'xi ftehim ta' "loan facility" ma' bank li fih seta' dahal u kien parti invece l-attur – li huwa veru. Ighid ukoll li f'kull kaz m'hemmx rabta bejn l-allegat twaqqif ta' tali facilitajiet minhabba dewmien fix-xoghlijiet – dwar dan il-fatt pero` l-konvenut m'huwiex korrett. Izid ighid li wara kollox dan is-self ta' kapital mill-bank lanqas kien proprjament mal-attur imma ma' wliedu.

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti hija konkordi mal-ewwel Qorti in kwantu din irriteniet hekk:
"Huwa minnu illi l-konvenut ma kienx parti fil-ftehim bejn l-attur u l-bank; madankollu, l-attur kien gustifikat illi jaghmel affidament fil-ftehim li kellu mal-konvenut, u fil-kelma tal-konvenut illi kien sejjer ihares dak il-ftehim, u kien ukoll gustifikat illi, bis-sahha ta' dak l-affidament, jaghmel ftehim ma' terzi. Billi, minhabba n-nuqqas tal-konvenut, gie mqarraq f'dan l-affidament, l-attur sab ruhu f'pozizzjoni li ma setax ikompli jhallas. Il-htija ghal dan, izda, kienet tal-konvenut, u l-konvenut ma jistax jinqeda' b'sitwazzjoni, li holoqha hu stess bin-nuqqas tieghu, fejn l-attur ma setax ihallsu biex ighid illi huwa l-attur li qieghed jonqos."

Il-konvenut messu jaf li l-intrapriza edilizja tistrieh hafna fuq self ta' kapital minn banek kummercjali u, ghalkemm il-konvenut ma kienx parti minn xi ftehim bhal dan, seta' jobsor bl-ezistenza tieghu min-naha tal-attur appaltant.

Fir-rigward tad-dubji, imbaghad, li l-konvenut jixhet dwar in-ness bejn xoghol mhux mitmum jew wieqaf (tort tal-konvenut) u s-sospensjoni ta' pagamenti tramite l-bank, ikun bizzejjed li jsir accenn ghall-ittra mehmuza mal-att tac-citazzjoni (ara fol. 6) mibghuta lill-attur mill-Bank of Valletta in data tal-21 ta' Frar 1990 (ferm wara Mejju 1989 meta suppost kellu jintemm l-appalt) u fejn mhux biss hemm riferenza specifika ghaz-zewg "cheques" mahrugin mill-attur u li ma ssarrfux, imma bhala raguni moghtija hemm imnizzel li gej:
"Please note that we are not in a position to encash the above cheques before construction work is re-started on the garages being built in Valletta Road, Luqa".

Isegwi ghalhekk li dan l-aggravju huwa infondat.

11. L-ahhar aggravju dwar id-danni huwa wiehed dupplici billi jirreferi kemm ghall-*quantum* likwidat, kif ukoll ghad-data li minnha kellu jibda jithallas l-imghax fuq l-ammont hekk likwidat.

Jirrizulta, kif tajjeb semma' l-appellant, li biex jiggwida lill-Qorti dwar din it-talba gie mqabbad perit arkitett iehor li pprezenta wkoll relazzjoni in dizimpenn tal-inkarigu moghti. Il-konvenut jilmenta li minkejja dan kollu, l-ewwel Qorti ghazlet li ma toqghodx fuq ic-cifra ta' Lm6,280.47c suggerita bhala danni mir-relatur u qaghdet, minflok, fuq ic-cifra ta' Lm10,166.14c (cifra ridotta bi ftit mill-ammont ta' Lm11,770.14c reklamat mill-attur) li talab l-attur bla ma pero` ssostanzjaha.

Din il-Qorti rat l-imsemmija relazzjoni (ara fol. 207-210 tal-process). Wara li l-imsemmi relatur (A.I.C. Mario Cassar) jaghti l-bazi tar-ragjonamenti u kalkoli tieghu (ta' natura purament teknika) huwa jikkonkludi hekk:
"Ghalhekk fil-fehma professjonali tieghi d-differenza bejn iz-zewg kontijiet – fid-dawl hawn fuq imsemmi, ghandha tkun ta' Lm6,280 u mhux ta' Lm10,166.14c."

Ma kien hemm ebda talba ghal hatra ta' periti addizzjonali. Minflok, l-attur issottopona lill-perit gudizzjarju ghal eskussjoni b'sensiela ta' domandi in iskritt li frankament jirrazentaw l-insolenza imma ma jidhirx li l-perit iccaqlaq mill-konkluzjonijiet tieghu. Minn hemm, il-kawza baqghet sejra ghas-sentenza bla ebda sottomissjonijiet ulterjuri. Ir-raguni li l-Qorti tat biex tiggustifika l-fatt li hija warrbet il-konkluzjoni tar-relatur kienet dik segwenti:
"Ma ngabitx prova illi, li kieku mexa bil-ghaqal, l-attur kien sejjer isib min kien lest li jahdimlu bir-rati 'ekwi' li semma' l-perit."

Aktar qabel, pero`, l-istess Qorti qalet korrettement li "l-attur kellu d-dmir illi jnaqqas kemm jista' d-danni u ghalhekk ifittex kuntratturi li jaghtu rata tajba". Min-naha l-ohra qieset ukoll li l-attur kien maghfus biz-zmien, ghax fil-frattemp kienu ghaddejjin l-imghaxijiet tal-bank.

12. Tajjeb li jigi hawn innutat li fl-ammont tieghu, ir-relatur hadem u addotta rata li "tirrifletti z-zieda ta' 30% li kien haqqhom" il-kuntratturi l-godda li l-attur htieglu jqabbad in sostituzzjoni tal-konvenut. Min-naha l-ohra, din il-Qorti lanqas tista' tinjora l-pressjoni li necessarjament inxtehtet fuq l-attur biex jirrimedja kemm jista' jkun malajr

ghall-inadempjenza tal-konvenut u jsib kuntratturi godda biex jahdmu fuq xoghol li kien ghadu nofs lehja. Tenut kont tac-cirkostanzi suesposti ghalhekk, din il-Qorti thoss li "arbitrio boni viri" ghandha tvarja u tirriduci l-*quantum* tad-danni ghall-ammont ta' Lm8000, ekwivalenti llum ghall-ammont ta' tmintax-il elf sitt mija u erbgha u tletin euro u disgha u disghin euro centezmi (€18,634.99c).

13. L-ahhar ilment tal-appellant dwar id-danni jirreferi ghall-imghaxijiet li skond l-ahhar sentenza appellata kellhom jibdew jghoddu "minn dakinhar meta saret b'att gudizzjarju talba ghall-hlas sa meta jsir il-hlas".

Huwa pacifiku li fit-talba originali tal-attur appellat il-*quantum* tad-danni huwa wiehed indeterminat. Hu wkoll principju assodat f'materja simili li "in liquidandis non fit mora". L-eccezzjoni ghar-regola normalment tqum meta ghalkemm ikun kjarament jirrizulta li l-ammont ta' danni jkun wiehed facilment determinabbli, l-attur xorta wahda jaghzel it-triq li ma jintrabatx minn qabel b'cifra determinata biex jevita riskju li jkollu jhallas parti mill-ispejjez gudizzjarji (f'kaz li ma jottjenix ghal kollox dak li jkun talab minn qabel). Fil-kaz in ezami, ebda determinatezza tali ma tirrizulta facilment dwar il-pretensjoni attrici, specjalment meta din giet mifruxa fuq aktar minn bazi wahda. Ghalhekk l-ammont seta' jigi determinat biss proprju bis-sentenza li nghatat fit-30 ta' Ottubru 2007. L-ewwel prospett dettaljat dwar id-danni emerga fil-11 ta' Lulju 2003 fuq ordni specifika moghtija mill-Qorti. Wara kontestazzjoni min-naha tal-konvenut permezz ta' nota in data tas-27 ta' April 2004 (fol. 196), il-Qorti ghaddiet ghan-nomina tal-perit Mario Cassar, pero` dan sar mhux qabel it-3 ta' Marzu 2005 (fol. 202). Ir-rapport peritali nhalef mill-perit fil-21 ta' Frar 2006 u d-domandi in eskussjoni twiegbu fl-4 ta' Ottubru 2006 mill-imsemmi perit u l-kawza giet deciza fit-30 ta' Ottubru 2007. Il-konvenut ma kkontribwixxa xejn aktar mill-attur ghat-tul esagerat li hadet din il-procedura sabiex tigi deciza. Issa jekk wiehed kellu jiehu l-att tac-citazzjoni bhala l-ewwel att gudizzjarju ghal fini ta' interpellazzjoni dwar hlas ta' danni jkun allura jfisser li l-interessi kellhom jibdew jiddekorru mit-13 ta' Marzu 1990. Din il-Qorti

frankament jidhrilha li din il-parti tad-decizjoni hija wahda manifestament ingustifikata u esagerata. Hija, invece, tal-fehma li l-interessi legali fuq l-ammont ta' €18,634.99c (tmintax-il elf sitt mija u erbgha u tletin euro u disgha u disghin euro centezmi) ghandhom jibdew jiddekorru mit-30 ta' Ottubru 2007 (data tat-tieni sentenza) sal-pagament effettiv.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' *in parte* l-appell tal-konvenut kif fuq inghad, b'dan ghalhekk li filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2003, u tilqa' ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba attrici, tirriforma t-tieni sentenza appellata, jigifieri dik moghtija fit-30 ta' Ottubru 2007 u tirriduci, *arbitrio boni viri*, il-*quantum* tad-danni mill-ammont imsemmi f'dik is-sentenza ghall-ammont inferjuri ta' €18,634.99c (tmintax-il elf sitt mija u erbgha u tletin euro u disgha u disghin euro centezmi) fuq liema ammont ghandhom jiddekorru interessi skond il-ligi mid-data tat-30 ta' Ottubru 2007 sa meta jigi effettwat il-hlas.

Tenut kont tas-suespost, il-kap tal-ispejjez relattivament ghaz-zewg istanzi ghandu jigi sopportat kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-konvenut appellant, u r-rimanenti ghoxrin fil-mija (20%) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------